# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Ottubru 2024**

**Numru: 5**

**Rikors numru 28/2017/3 BS**

**Dr George Azzopardi**

**v.**

**Heritage Malta Agency**

**Il-Qorti:**

1. Din hija kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv.

**Fatti**

2. L-attur huwa impjegat bħala *principal curator* mal-Aġenzija konvenuta. Fl-14 ta' Diċembru 2016 issottometta applikazzjoni għal vakanza maħruġa mill-imsemmija aġenzija għall-grad ta' *Principal*

*Curator Gozo Museum and Xagħra sites* iżda permezz ta' ittra datata 20 ta' Frar 2017, l-applikazzjoni tiegħu ġiet riġettata. Il-post ġie mimli minn ċerta Daphne Caruana Sant, ukoll impjegata mal-Aġenzija. L-attur qed jitlob lill-Qorti sabiex tirrevedi din id-deċiżjoni għaliex dan sar b'aġir *ultra vires* u illegali u għal għanijiet mhux xierqa jew fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

3. *Inter alia*, l-aġenzija konvenuta eċċepiet li:

> "(1) L-azzjoni attriċi hija legalment improponibbli billi allokazzjoni interna ta' pożizzjonijiet ta' xogħol fi ħdanha ma jammontawx għal "egħmil amministrattiv" għall-finijiet tal-Artikolu 469A(1) u (2) tal-Kap 12.
> (2) Mhux minnu li aġixxiet b'tali mod jew b'xi mod irraġonevoli jew mhux proporzjonat."

4. Dwar l-għemil amministrattiv, l-Ewwel Qorti qalet hekk:

> ...«egħmil amministrattiv» huwa definit fis-subinċiz tnejn (2) l-Artikolu 469A bħala […] l-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità.
>
> Mill-assjem tal-provi prodotti kif ukoll mit-talbiet u l-eċċezzjonijiet tal-partijiet kontendenti huwa ċar li f'dan ilkaż, l-aġenzija konvenuta bħala awtorità pubblika ma ħarġet ebda ordni, liċenzja, permess, jew warrant iżda ħadet deċiżjoni li talloka lil terza persuna estranja għal din il-vertenza f'pożizzjoni li huwa ċar li kienet mixtieqa mill-attur b'dan li ħarġet rifjut lill-attur fir-rigward tal-istess kariga.[1]
>
> B'dan iżda li s-subinċiż tnejn (2) tal-Artikolu 469A irid li l-istess deċiżjoni jew rifjut ma jinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità.
>
> Huwa għalhekk neċessarju li jiġi deċiż jekk id-deċiżjoni u konsegwenti rifjut tal-aġenzija konvenuta sarux bil-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna għaliha stess.

[1] Rifjut mogħti lill-attur permezz ta' ittra mibgħuta lilu mill-aġenzija kovenuta u datata l-20 ta' Frar, 2017 - kopja a fol. 296.

- omissis –

F'dan id-dawl, issir referenza għad-deċiżjoni mogħtija nhar il-11 ta' Novembru, 2021 mil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doreen Camilleri vs Is-Segretarju Ewlieni fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol** fejn il-Qorti msemmija rriteniet:

> Il-Qorti tagħraf li dan huwa każ fejn il-linja bejn dak li jaqa' fl-ambitu għal kollox intern fi ħdan awtorità pubblika u dak li joħroġ il-barra minnha m'hijiex daqshekk waħda ċara. Għaldaqstant, biex il-Qorti tindirizza dan l-ilment, ma tistax tieqaf fil-livell ta' kif kwestjoni tidher mid-daqqa t'għajn. **Dan qed jingħad għaliex jekk l-ilment ikun wieħed dwar użu irraġonevoli ta' xi diskrezzjoni, ksur ta' xi wieħed mill-prinċipji tal-ħaqq naturali, jew saħansitra aġir abbużiv jew lil hinn mis-setgħat mogħtija mil-liġi (jiġifieri għemil *ultra vires*), jaqa' fuq il-Qorti d-dmir li tistħarreġ dak il-każ għaliex il-kwestjoni ma tibqax waħda ta' "sempliċi" organiżżazzjoni jew tmexxija interna, imma waħda li tolqot fil-qalba r-raġuni tal-azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju tal-att amministrattiv li jkun.**
>
> [Enfasi ta' din il-Qorti]

B'dan li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ li għandha proprju quddiemha llum din il-Qorti, u wara li qieset il-provi kollha miġjuba quddiemha, anke fuq din il-premessa din il-Qorti ma ssibx li l-aġenzija konvenuta naqset b'xi mod lill-attur kif allegat minnu jew li aġixxit b'mod *ultra vires* u illegali billi ħadet deċiżjoni għal għanijiet mhux xierqa jew li huma msejsa fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

Infatti, din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi miġjuba quddiemha minn fejn jirriżulta sodisfaċentement li l-aġenzija konvenuta nediet sejħa għall-kariga fi ħdanha, laqgħet applikazzjonijiet mingħand żewġ (2) impjegati interni għaliha—l-attur u terza persuna mhux parti minn din il-vertenza—u, wara li qisiet tajjeb il-kwalifiċi u kapaċitajiet tagħhom kif ukoll wara li intervistathom it-tnejn iddeċidiet li talloka l-kariga lit-terza persuna u mhux lill-attur.

Dwar dan, l-attur jgħid ħafna u jinsisti li huwa kien aktar idoneu għall-kariga allokata lit-terza persuna. B'dan iżda li mhux biss din il-Qorti mhijiex konvinta minn dan tenut kont tal-provi li nġabu quddiemha, iżda wkoll din il-Qorti tqis li hija ma tistax tissostitwixxi lill-bord tal-intervisti kostitwit mill-aġenzija konvenuta bil-parteċipazzjoni ta' membru terz u indipendenti għaliha li sema' kemm lill-attur u lit-terza persuna li ġiet allokata l-kariga *a tempo vergine* u li b'hekk kellu quddiemu l-informazzjoni kollha, kemm oġġettiva kif ukoll soġġettiva, li fuqha sejjes id-deċiżjoni tiegħu.

Din il-Qorti ma tistax ma tirreferix għad-dokument tal-kriterji tal-intervista li fuqu ngħataw marki lill-kandidati għall-kariga in mertu—l-attur u t-terza

persuna allokata l-kariga—skont provi miġjuba minnhom iżda wkoll skont risposti mogħtija minnhom lill-bord tal-intervisti.[2]

Dan id-dokument juri li fejn l-attur kellu jingħata l-massimu tal-punti, dawn ġew mogħtija lilu. Il-marki massimi fil-fatt ġew attribwiti lilu rigward il-kriterji:

i. tal-kwalifiċi—nonostanate li huwa mhux direttament kwalifikat fl-arti jew fl-immaniġġjar ta' patrimonju kulturali bħalma hija t-terza persuna allokata l-kariga;[3]

ii. tal-esperjenza—minkejja li t-terza persuna kienet diġà għal żmien inkarigata mis-siti tax-Xagħra li kienu parti mill-kariga allokata lilha, u;[4]

iii. tax-xogħlijiet pubblikati kif jidher li kien jistħoqqlu tenut kont tax-xhieda ta' Kenneth Gambin, għalkemm l-attur ma ressaqx provi dwar xogħlijiet pubblikati minnu.

L-attur jilmenta li kellu jingħata aktar punti milli ngħatat it-terza persuna allokata l-kariga in disputa fil-kriterji ta' *team player, technical skills, managerial skills, leadership skills, contribution of Gozo Museum to Gozo* u *outreach events*. B'dan iżda li din il-Qorti tqis li mill-assjem tal-provi prodotti jirriżulta ċar li dawn il-kriterji ġew meqjusa b'mod ġust u ekwu mill-bord tal-intervisti tenut kont tal-istorja ta' kull kandidat fi ħdan l-aġenzija konvenuta, liema storja kienet a konoxxjenza tal-bord u, fejn ma kinitx, ġew mitkellma superjuri diretti tal-kandidati, kif ukoll tar-risposti li ngħataw minn kull kandidat waqt l-intervista.

Allegazzjonijiet oħrajn magħmula mill-attur inkluż li huwa ġie żvantaġġat billi ġie, bl-għan proprju li jiġi żvantaġġat, miċħud milli jkompli jattendi laqgħat dwar il-proġett ġdid tal-*Gozo Museum* ġew debitament indirizzati mix-xhieda tal-aġenzija konvenuta.

L-aġenzija konvenuta fil-fatt tat spjegazzjoni kredibbli dwar tali laqgħat u, filwaqt li qatt ma ċaħdet il-mertu tal-attur, sostnut biss li għall-kariga *de quo* l-attur ma kienx l-aktar idoneu. Dan partikolarment tenut kont ta' [i] l-għan ewlieni tal-mużew il-ġdid li jkun mużew ibbażat fuq l-arti kif fil-fatt jirriżulta mid-dokument preżentat mal-affidavit ta' Kenneth Gambin, kap eżekuttiv tal-aġenzija konvenuta, dwar il-konkors imniedi għas-sottomissjoni ta' disinji peritali għall-mużew il-ġdid;[5] [ii] il-kwalifiċi tal-kandidati fid-dawl tal-istess għan ewlieni, kif ukoll; [iii] ir-risposti mogħtija mill-kandidati fl-intervisti magħmula lilhom, partikolarment fejn dawn kienu jittrattaw il-kontribut li l-*Gozo Museum* kellu jagħti lil Għawdex.

Dwar il-kriterju tal-esperjenza, għalkemm l-attur jgħid ħafna dwar l-esperjenza vasta tiegħu, xi ħaġa li l-aġenzija konvenuta wkoll ma tiċħadx, jirriżulta ampjament ċar middokument tal-kriterji tal-intervista in

---

[2] Dokument a fol. 186
[3] Ref. dokumenti ta' kwalifika tat-terza persuna a fol. 169, 170, u 171.
[4] Ref. *inter alia*, ix-xhieda tal-attur stess fl-affidavit tiegħu a fol. 279 sa 287 fejn jammetti dan.
[5] Ref. *inter alia*, paġna 11 u 19 tal-istess dokument a fol. 341 u 349 tal-proċess

atti[6] li rigward esperjenza l-attur ingħata l-massimu tal-punti mentri tterza persuna allokata l-kariga ngħatat biss punt wieħed.

Jekk l-attur kien qed jirreferi għall-kriterji partikolari li jistgħu wkoll jirreferu għall-esperjenza, bħal kriterji tat-*technical skills, managerial skills, u leadership skills*; ibda biex dwar kapaċitajiet tekniċi l-kriterju jirreferi speċifikatament għal kapaċitajiet speċjalizzati skont is-suġġett fejn huwa allura ċar li ladarba t-terza persuna allokata l-kariga kellha diġà esperjenza vasta fis-siti tax-Xagħra u hija wkoll gradwata speċifikatament fl-arti u l-immaniġġjar ta' patrimonju kulturali, jirriżulta ġust li hawnhekk hija ngħatat żewġ punti aktar mill-attur—anke jekk ma ngħatatx il-massimu tal-punti. Mentri dwar kapaċitajiet maniġerjali u ta' *leadership* ġie konsistentement spjegat mixxhieda kollha rilevanti li kemm l-attur kif ukoll it-terza persuna kienu kapaċi f'dan is-sens tant li ebda wieħed minnhom ma ngħata l-massimu tal-punti f'dan ir-rigward bid-differenza fil-punteġġi partikolari bejniethom tidher— stante li huwa l-bord tal-intervisti biss li kellu quddiemu l-fatti opportuni a tempo *vergine*—aċċettabbli fiċ-ċirkostanzi."

5. B'sentenza tat-3 ta' Ottubru 2023 il-Qorti filwaqt li ddisponiet mill-eċċezzjonijiet tal-aġenzija konvenuta konformament ma' dak deċiż, ċaħdet it-talbiet atturi.

6. L-attur ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni u interpona appell quddiem din il-Qorti.

**L-Ewwel Aggravju**

7. L-ewwel aggravju huwa li l-appellant ma jaqbilx mal-Ewwel Qorti illi l-aġir mertu tal-kawża ma huwiex sindikabbli għaliex jammonta għal kwistjoni ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna għall-istess awtorità. Sejħa għal okkupazzjoni ta' post ta' xogħol żgur li ma tistax titqies b'tali mod. B'organizzazzjoni interna wieħed jifhem xi ħaġa li tkun

[6] Dokument a fol. 186.

interna intiża biex dak id-dipartiment jew korp pubbliku jkun jista' jiffunzjona aħjar.

8. L-appellant jiċċita lil **Nikol Borg vs Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru** mogħtija fis-27 ta' Jannar 2006 mill-Qrati tal-Appell fejn ġie ribadit illi:

> "Sfortunatament il-liġi ma tiddefinixxiex il-frazi "organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna". Fis-sentenza taghha tas-7 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet **Edward Paul Tanti v. Segretarju Amministrattiv tal-Ufficcju tal-Prim Ministru**, din il-Qorti irriteniet illi "Ghalkemm huwa minnu li d-definizzjoni ta' 'eghmil amministrattiv' teskludi 'xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni interna jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`', din l-eskluzjoni ma tirriferix ghal decizjoni bhal dik li qed jilmenta minnha l-appellant – **cioe` jekk hu ghandux jinghata pensjoni skond il-grad li bih huwa spicca minn mac-civil** jew il-grad ekwivalenti ghax-xoghol li effettivament kien jaghmel – izda tirreferi biss, kif jindika luzu tal-kelma 'interna', ghal affarijiet organizzattivi u amministrattivi interni ta' l-awtorita`, bhal per ez. tqassim ta' xoghol, orarji ta' xoghol, proceduri ta' kif isir ix-xoghol fi hdan dik l-awtorita`." [enfasi ta' din il-Qorti]"

9. *In oltre* jidher li fir-redazzjoni tal-Artikolu 469A, il-leġislatur kien in parti ispirat mill-pozizzjoni legali taħt id-dritt amministrattiv Franċiż.

10. L-appellant hu tal-fehma li r-riżultanzi tal-Bord tal-Għażla ma sarux skont il-liġi ma jistgħux jitqiesu bħal xi ħaġa ta' organizzazzjoni interna iżda jmorru ferm lil hinn minn sempliċi atti ta' organizzazzjoni.

**It-Tieni aggravju**

11. Dan l-aggravju jikkonsisti fl-asserzjoni li l-kriterji soġġettivi tal-Bord tal-Għażla mmexxi mill-istess Kenneth Gambin ta punti massimi lill-

kontestanta l-oħra u punti minimi lill-attur u dan mingħajr ġustifikazzjoni adegwata la fil-mument proprju u wisq anqas fl-atti ta' din il-kawża. L-appellant jemmen li dan sar apposta biex hu jitpoġġa fi żvantaġġ u tingħażel il-kontestanta l-oħra.  Barra minn hekk, l-appellant jisħaq illi bħala arkejoloġist ta' esperjenza (fil-passat diġà kien responsabbli mis-siti u l-mużewijiet kollha f'Għawdex u għalhekk anke x-Xagħra *Sites*), huwa għandu aktar kompetenza mill-kontestanta l-oħra dwar is-siti tax-Xagħra. Iżda din il-kompetenza ġiet imminimizzata mill-fatt li ma ssemma imkien li l-Gozo Museum se jkun jinkludi parti sewwa ta' arkejoloġija u Kenneth Gambin, fix-xhieda tiegħu donnu nesa illi s-sejħa kienet tinkludi mhux biss il-Gozo Museum iżda wkoll ix-Xagħra Sites u jipprova jkompli jimminimizza l-kompetenza tal-appellant għal Gozo Museum biss.

**Ikkunsidrat:**

12. Xi tkun organizzazzjoni purament interna mhix definita mil-liġi.  Billi ġie impurtat fil-liġi tagħna mill-ġurisprudenza Franċiża, tajjeb li qabel xejn tingħata daqqa t'għajn lejn x'jifhmu biha l-Qrati Franċiżi.

**Il-ġurisprudenza Franċiża**

13. Il-Franċiżi jagħmlu distinzjoni bejn l-*actes administratifs* u dawk il-miżuri li jistgħu jitqiesu bħala ta' organizzazzjoni purament interna fi ħdan

l-amministrazzjoni (*mesures d'ordre interieur administratives*) u normalment ma jkunux miftuħa għal reviżjoni ġudizzjarja. *Mesures d'ordre intérieur huma meqjusa, b'mod ġenerali, bħala kwistjonijiet li jaqgħu taħt id-diskrezzjoni sħiħa tal-amministrazzjoni; fejn l-amministrazzjoni għandha l-benefiċċju ta' awtonomija mill-iktar wiesgħa.*

14. Ġeneralment iżda, sa ftit ilu kien aċċettat li fl-iskejjel, il-ħabsijiet u l-forzi armati, dawk inkarigati, kellhom bżonn jeżerċitaw setgħat diskrezzjonali fi kwistjonijiet ta' dixxiplina li l-qrati kellhom iżommu lura milli jissindikaw. Għalhekk fil-kawża CE tal-20 ta' Ottubru 1954, CHAPOU, il-*Conseil d'Etat* irrifjuta li jikkunsidra li titneħħa regola ta' kap ta' skola li kienet tipprojbixxi l-ilbies ta' qliezet tal-iski (*ski trousers*)[7]. Iżda wara ċertu punt, il-miżura amministrattiva tista' ssir, minħabba l-gravità tagħha, *acte administratif* u allura taqa' fl-għarfien tal-Qorti; bħal ma ġara f'CE tas-26 ta' Jannar 1966, DAVIN, fejn it-tkeċċija perentorja ta' student minn skola tal-Istat ġiet meqjusa bħala sanzjoni tant gravi li taqa' barra mill-kategorija ta' tali miżuri u li tkun *acte administratif* miftuħa għal reviżjoni ġudizzjarja.

15. Fi kwistjonijiet ta' uniformi tal-iskola, il-każ importanti ta' KHEROUAA, CE mogħtija f'Novembru 1992, jirrifletti r-rieda ġdida tal-*Conseil* li jintervjeni. F'dan il-każ, skola tal-Istat qrib Pariġi introduċiet regoli ġodda li jipprojbixxu l-ilbies fl-iskola ta' xi sinjal distintiv, reliġjuż jew

[7] Vide wkoll **Spiers v Warrington Corporation** (1954) 1 QB 61

politiku. Ir-regoli kienu mmirati biex iwaqqfu lill-bniet Musulmani milli jilbsu l-velu musulman. Din kienet kwistjoni diskussa ħafna f'dawn l-aħħar snin, fejn dan il-velu jitqies bħala theddida għall-prinċipju ta' sekularità tal-Istat Franċiż. Fl-1989, il-*Conseil d'Etat*, kellu fuq talba tal-Ministru tal-Edukazzjoni, jagħti deċiżjoni (*avis*) li jirrikonoxxi li l-istudenti kellhom id-dritt, f'ċerti limiti, li jesprimu u juru t-twemmin reliġjuż tagħhom fi skejjel tal-Istat; din l-opinjoni mbagħad ġiet approvata f'ċirkolari ministerjali.

16. Għall-*Conseil*, ir-regoli kienu jimponu projbizzjoni ġenerali u assoluta f'qasam li jinvolvi drittijiet u libertajiet individwali: dan, fih innifsu, kien illegali sakemm l-iskola ma setgħetx turi li l-ilbies tal-velu wassal għal disturbi jew imġieba oħra illegali fl-iskola: ħaġa li kienet naqset milli tagħmel. Id-deċiżjoni tal-*Conseil* qajmet kontroversja konsiderevoli imma baqgħet tiġi applikata.[8]

17. Dan l-aħħar, fil-ġurisprudenza tal-*Conseil d'Etat* seħħet bidla dwar id-dixxiplina tal-ħabs kif ukoll id-dixxiplina fil-forzi armati, kif jidher fid-deċiżjoni MARIE u HARDOUIN (CE 17 ta' Frar 1995). Marie kien tpoġġa f'iżolament għal tmint ijiem mill-gvernatur tal-ħabs tiegħu wara li kiteb lill-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali biex jilmenta li ma ngħatax trattament dentali xieraq meta żewġ sinniet kienu nkissrulu. Il-Conseil aċċetta l-ġurisdizzjoni biex jirrevedi d-deċiżjoni tal-gvernatur fid-dawl tal-gravità tas-sanzjoni u l-effett tagħha fuq id-drittijiet tal-priġunier fir-rigward taż-

[8] Vide, e.g. CE 20 ta' Mejju 1996, Ministre de l'Education Nationale c. Ali.

żjarat u l-korrispondenza, kif ukoll, il-prospetti ta' remissjoni fuq is-sentenza tiegħu.

18. Fil-każ HARDOUIN, baħri fin-navy Franċiża daħal lura fuq il-bastiment xurban, waqt li kien fuq żjara fil-gżejjer Kanarji. Huwa rrifjuta li jagħmel test tal-alkoħol u ġie projbit milli jinżel l-art, għal 10 ijiem. Il-*Conseil d'Etat* aċċetta l-ġurisdizzjoni għaliex id-deċiżjoni mhux biss illimitat il-libertà ta' moviment tal-baħri imma wkoll affettwat il-prospetti tal-karriera tiegħu. Ġie deċiż li l-aġir tiegħu kien jiġġustifika azzjoni dixxiplinarja u li d-deċiżjoni ma qabżitx il-marġni ta' apprezzament permessibbli lill-awtoritajiet navali.[9]

**Il-ġurisprudenza Maltija:**

19. Dawn il-Qrati taw diversi sentenzi li ppruvaw jistabbilixxu x'inhuma att amministrattiv u x'inhuma miżuri purament interni.

20. Dawn il-każijiet tqiesu bħala **miżuri purament interni**:

(1) P**romozzjoni** fi ħdan il-Korp tal-Pulizija;[10] ir-regola li membru tad-Drydocks Council **ma setax japplika għal promozzjoni** fi ħdan

[9] French Administrative Law - L.Neville Brown u John S. Belt, ed. 1993 p. 159.
[10] **Edward Falzon v Kummissarju tal-Pulizija** – 22.10.2002.

il-*Malta Drydocks Corporation*;[11] Bil-maqlub, promozzjonijet **fi ħdan forza dixxiplinari oħra**, jiġifieri l-Forzi Armati ta' Malta, kienu kkunsidrati bħala suġġett għal reviżjoni amministrattiva.[12]

(2) In-**nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt definit ta' servizz**, jekk tali nuqqas ta' tiġdid ma kienx diskriminatorju.[13]

(3) Talba mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar il-mezzi u d-dħul ta' kontribwent sabiex imbagħad jieħu deċiżjoni eżekuttiva kienet sempliċement pass preparatorju li ma kienx reviżjonabbli.[14]

21. Tqiesu bħala **atti purament interni li iżda** fil-mument li tiġi allegata mġieba abbużiva, l-att **ma jibqax** miżura ta' organizzazzjoni interna[15]:

(1) **L-irtirar ta' *tag* lill-ħaddiem mal-Awtorità tat-Trasport.** Il-Qorti ddeċidiet li l-fatt li l-Awtorità ma kinitx ħadet azzjoni simili kontra oħrajn li kienu f'pożizzjoni simili.[16]

(2) It-**trasferiment ta' infermiera minn stabbiliment tas-saħħa għal ieħor** meta kien allegat li l-att kien diskriminatorju;[17] trasferiment immedjatament wara li impjegat ħa azzjoni legali kontra d-dipartiment ikkonċernat.[18]

[11] **Anthony Gafà v Malta Drydocks** – 26.11.2009.
[12] **Ivan Consiglio v Prim Ministru** – 18.02.2010.
[13] **Alan Joseph Fiott v Direttur Ġenerali għas-Servizzi Edukattivi** – 26.02.2019.
[14] **John Grech v Tax Commissioner** – 02.03.2016.
[15] **Carmen Grech v Prim Ministru** – 06.07.2017.
[16] **Paul Borg v Public Transport Authority-** 21.05.2009.
[17] **Rita Vella v Tabib Prinċipali tal-Gvern** – 31.10.2012.
[18] **Denis Tanti v Prim Ministru et** – 16.11.2004.

22. **Ma tqisux bħala atti interni**:

(1) It-**tkeċċija** ta' uffiċjal tal-pulizija fl-interess pubbliku, is-setgħa mogħtija lill-Prim Ministru taħt l-Att dwar il-Pulizija, li biha membru tal-Pulizija jiġi sfurzat jirtira bi drittijiet ta' pensjoni sħiħa mingħajr proċeduri dixxiplinarji.

(2) Azzjoni ta' **assimilazzjoni għal infermiera** li ġiet revokata retroattivament.[19]

(3) Proċess li bih wara **sejħa pubblika għall-applikazzjonijiet,** l-attur ma ntgħażilx minn bord tal-għażla tal-Università ta' Malta.[20] Iżda ngħad li kienet tkun kwistjoni differenti kieku l-eżerċizzju japplika biss għall-impjegati.[21]

23. Jidher għalhekk li atti bejn awtorità pubblika u terzi ġeneralment jikkwalifikaw bħala atti amministrattivi li bħala tali huma sindakabbli mill-Qorti. Min-naħa l-oħra, atti dwar l-immaniġġjar ta' awtorità pubblika huma kkunsidrati bħala li ma jaqgħux taħt is-sindakar tal-Qorti. Dan iżda ma jibqax il-każ jekk jiġi ppruvat li kien hemm abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika b'detriment sostanzjali għall-impjegati jew dipendenti oħra. Il-piż tal-prova f'dan ir-rigward qiegħed fuq min jallegaha, u mhux fuq l-awtorità pubblika. Dan l-eżerċizzju jista' jidher li hu wieħed ċirkuwitu;

[19] **Bernardette Agius et v Prim Ministru et** – 09.01.2014.
[20] **Emmanuel Borda v Prof Roger Ellul Micallef** – 30.01.2003.
[21] **Vide Dr Louis Buhagiar v Prim Ministru et** – 24.02.2012.

għaliex anke fil-każ ta' atti amministrattivi sindakabbli mill-Qorti, is-sindakar isir biss meta jkun hemm abbuż.

**Ikkunsidrat:**

24. Il-fattispeċje tas-sentenza ċċitati mill-appellant huma ta' natura differenti minn dik ta' din il-kawża. Nikol Borg kien irtirat mix-xogħol u kien qed jippretendi li l-Qorti tiddikjara li promozzjoni li kien ħa meta kien għadu impjegat, kellha tingħatalu b'effett retrospettiv bil-għan li b'hekk ikun eliġibbli għal pensjoni akbar. F'dik is-sentenza, il-Qorti rreferiet għal sentenza oħra fl-ismijiet **Edward Paul Tanti vs Segretarju Amministrattiv tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru**[22] li ukoll kienet titratta talba għal pensjoni akbar, fi grad ieħor. F'din is-sentenza l-Qorti kienet argumentat li "l-komputazzjoni ta' pensjoni li trid tingħata lil persuna li evidentement m'għadhiex parti mill-organizazzjoni jew amministrazzjoni ta' dik l-Awtorità b'ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma tista' tikkwalifika bħala deċiżjoni li tittieħdet 'bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna'."

25. Fil-każ **Dennis Tanti vs Onorevoli Prim Ministru**,[23] Dennis Tanti – *nursing officer* fl-isptar San Luqa, ippreżenta protest ġudizzjarju kontra t-tabib Frank Bonello, u ġurnata wara dan il-protest, l-istess tabib,

[22] App. Ċiv., 7.10.2005.
[23] App. Ċiv., 16.11.2004

verbalment tah *transfer* għal post fejn ma kienux meħtieġa s-servizzi tiegħu bħala *nursing officer*. Il-Qorti rriżultalha li aktar minn każ ta' miżuri ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, dan kien kopertura b'reazzjoni għall-protest ġudizzjarju. Il-Qorti għalhekk dehrilha li kellha dritt tinvestiga jekk l-azzjoni kinitx waħda verament bi skopijiet amministrattivi, f'liema każ kienet tieqaf hemm, jew kinitx kopertura għal azzjoni oħra kontra l-attur li ma kellha xejn x'taqsam mal-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni interna tal-isptar.

26. Il-każ preżenti hu ferm differenti minn dawk li kien hemm fis-sentenzi ċċitati mill-appellant. Kieku ntagħżel, kien se jibqa' fl-istess grad ta' *principal curator* mingħajr l-ebda pakkett finanzjarju differenti. L-unika differenza hi illi huwa li fil-pożizzjoni preżenti huwa jaħdem parti Malta u parti Għawdex, waqt li mal-*Gozo Museum* ikun ibbażat Għawdex. Id-deċiżjoni la effettwat is-salarju u lanqas il-grad tal-appellant. Kienet deċiżjoni maniġerjali meħuda fl-aħjar interess tal-konvenuta bla ma kienet ta' ebda ħsara għall-appellant. Ċertament għalhekk li hi att ta' *management* purament intern li l-leġislatur ma riedx li l-Qrati joqgħodu jindaħlu fih. Għax altrimenti, l-Qrati jibdew jamministraw minflok jiġġudikaw.

27. L-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda prova li d-deċiżjoni ttieħdet fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti. L-appellant jammetti li l-allokazzjoni tal-

marki fuq kriterji oġġettivi saret tajjeb iżda mbagħad saret ħażin fuq il-kriterji soġġettivi. Jallega – iżda ma jippruvax – li dan sar sforz tal-influwenza ta' id moħbija u oskura. Il-Qorti iżda għamlet sewwa li ma qagħditx fuq is-sempliċi suspetti tal-appellant. Dottor George Azzopardi qiegħed fis-sezzjoni Phoenician, Roman and Medieval u Daphne Sant Caruana fuq il-Gozo Museum fejn l-enfasi hija fuq l-arti. Jidher illi l-appellant m'għandux esperjenza fl-istorja tal-arti li huma l-kunċett prinċipali tal-*Gozo Museum* u lanqas f'organizazzjoni ta' attivitajiet kulturali li kienu meqjusa importanti ħafna għal-proġett tal-Gozo Museum. Sant Caruana għandha *Masters* f'*Cultural Heritage Management* u esperjenza ta' attivitajiet li organizzathom hi jew għenet f'organizzazzjoni tagħhom. Mix-xhieda ta' Nicoline Seguna joħroġ ukoll illi George Azzopardi ma jaqbilx mal-kunċett 'ġdid' ta' Gozo Museum reġjonali iżda jemmen aktar fil-kunċett ta' diversi *site museums.*

28. Heritage Malta jidher li għażlet lill-persuna li fil-fehma tagħha kienet l-aktar idonea għall-post in kwistjoni, deċiżjoni ta' organizazzjoni jew amministrazzjoni interna li mhix soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju. Heritage Malta irrikonoxxiet il-kwalifiċi għolja ta' Azzopardi u bl-ebda mod ma żvantaġġjatu inġustament jew abbużat is-setgħa tagħha, bħal ma qed jallega hu. Jidher illi Sant Caruana għandha aktar esperjenza fil-qasam fejn hemm vakanza.

29. Ġaladarba l-eżerċizzju in kwistjoni kien wieħed ta' amministrazzjoni interna, din il-Qorti ma tistax tissindakah, lanqas jekk ma taqbilx miegħu, diment li ma jiġix ippruvat l-abbuż. Din il-Qorti iżda ma ssib xejn x'tiċċensura fir-raġunament tal-Ewwel Qorti u għalhekk l-aggravji tal-appellant huma kompletament mingħajr siwi.

***Decide***

30. Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjeż tal-ewwel istanza kif deċiżi minn dik il-Qorti; spejjeż tal-appell a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss